## KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ

### AGENDA NUMRU 40 – Il-Ħamis, 6 ta' Novembru, 2014.

***Minuti tal-40 laqgħa tal-Kunsill tas-Seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar il-Ħamis, 6 ta' Novembru, 2014.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis 6:30 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 40. Il-laqgha bdiet fis-6:35p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Vici-Sindku |
| | Dr. Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Joseph Fsadni | Kunsillier |
| **Skużati:** | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| **Assenti:** | Ħadd | |
| **Pubbliku:** | Robert Tabone | Works' Co-Ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | Paula M. Valletta | Segretarju Ezekuttiv |

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku Alfred Grixti ippropona li l-minuti ta' Agenda Nru 39 jiġu approvati kif ipprezentati lill-Kunsilliera kollha. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Joseph Fsadni.

**Dawk Favur;** is-Sindku Alfred Grixti, l-Kunsilliera George Cortis, Philip Said, Catherine Sammut u Cain Grech, Joseph Fsadni

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** il-Vici Sindku Thomas Agius u l-Kunsilliera Dr. Roderick Aquilina.

Il-minuti ġew approvati (170).

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

2.1.1 Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-laqgha li kellha ssir mat –Transport Malta fejn kellha tigi diskussa l-proposta One Way System fiz-zona ta' Triq Dun Karm u l-madwar, giet mhassra.

2.1.2 Dwar punt 6.3, is-Sindku Alfred Grixti qal li jidher li l-affarijiet ser jibdew jimxu anke fir-rigward ta' toroq li qatt ma nghataw wicc bhal Triq Achille Ferris.

2.1.3 Is-Sindku Alfred Grixti skuza ruhu mal-Kunsilliera Catherine Sammut ghall-fatt li ma gewx imsemmija il-hargiet fir-rapport li gie pprezentat lill-poplu Zebbugi waqt il-laqgha annwali. Huwa qal li dawn l-attivitajiet ser jigu msemmija fl-edizzjoni li jmiss tal-magazin tal-Kunsill.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Inqrat korrispondenza mibghuta mill-Kunsillier George Cortis dwar attivita b'risq id-Dar tal-Providenza fit-28 ta' Dicembru 2014.

3.2 Inqrat ukoll ittra mibghuta miz-Zebbug Scouts Group dwar fund raising activity li ser tittella f'Dicembru 2014. Il-Kunsillier George Cortis qal li jkun ideja tajba jekk jittella'presepju fil-pjazza fejn l-ajkla u zewg sigriet tal-Milied, wahda fuq kull naha tal-presepju. Gie maqbul li jitwaqqaf sottokumitat tekniku ghal din l-attivita kompost mill-Kunsilliera George Cortis u Catherine Sammut, Andrea Bellizzi bhala rapprezentant tal-iScouts u Dr. Massimo Ellul. Dan il-kumitat ghandu jitlaqqa kmieni l-gimgha ta' wara.

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1 Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-vot tal-flus ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-vot tal-flus kien jammonta ghal Eur64,020.24. Ma' dan l-ammont wiehed irid jzid l-ammont pagabbli lil Kummissarju tat-Taxxi Nterni dwar il-pagi ta' Settembru 2014.

4.2 Is-Sindku Alfred Grixti spjega kif fit-tender li ntrebah mill-Maghtab Constructions ma kienx hemm stipulat li ghandu jitnaqqas il-management fee ta' 5%. Madanakollu l-kuntrattur laqa' t-talba li ghamillu s-Sindku u s-Segretarju sabiex din il-5% xorta tittiehed in konsiderazzjoni.

Ghaldaqstant l-bilanc li kien ghad baqalu jinghata fuq l-progett tal-Gnien tal-Grazzja kien ta' Eur6,000, liema ammont kien qed jigi nkluz f'dan il-vot. Dan minhabba li t-tielet ammont ta' Eur121,938.72 gie mghoti lill-Kunsill Lokali mill-MEPA u l-istess ammont ghadda lill-Maghtab Construction.

Is-Sindku ppropona li l-vot jghaddi kif pprezentat. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Cain Grech. Ghaldaqstant ittiehed vot. Il-Vici Sindku Thomas Agius kien qed jastjeni min-numri 1, 5 u 16.

**Dawk Favur;** is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici-Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera George Cortis, Philip Said, Catherine Sammut, Cain Grech u Joseph Fsadni

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Dr. Roderick Aquilina

Il-mozzjoni giet approvata (171).

## 5. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

5.1 Is-Sindku Alfred Grixti saqsa lis-Segretarju Ezekuttiv dwar xi zviluppi kien hemm dwar is-CCTV cameras. Hija qalet li kmieni aktar matul dik l-istess gimgha hija u l-Works Co-Ordinator iltaqghu ma' rapprezentant tal-G4s. Min-naha taghhom il-G4s ghandhom jipprezentaw stima dwar kemm tigi tiswa din is-sorveljanza. Is-Sindku Alfred Grixti qal li ghandu jkun involut il-Kunsillier Joseph Fsadni minhabba li huwa espert f'din il-materja. Ghandu jsir meeting ukoll mas-Sur Anthony Borg Caruana dwar kif tista tihaddem din is-sistema.

5.2 Is-Sindku Alfred Grixti qal li Segretarju Ezekuttiv nfurmatu li fit-tender tat-Tizjin tal-Milied ma kienx hemm id-data tal-iskadenza.

Ghaldaqstant is-Sindku Alfred Grixti ressaq din il-mozzjoni:

'Kien mifhum illi t-tender tat-tizjin tal-Milied kellu jkun ghall-perjodu ta' 3 snin jigifieri 2013/4/5. Dan il-Kunsill qieghed jikkonferma li t-tender prezenti lill-kuntrattur Lawrence Attard ghandu jkollu din l-iskadenza. Minhabba dan il-malintiz u peress li l-Kunsill irid li l-mixghela tibqa ssir sas-6 ta' Jannar 2015 u peress li jrid li l-istess kuntrattur jarma wkoll dwal u/jew sigar tal-Milied bid-dawl f-Misrah San Filep qieghed izid it-terminu sal-2016.'

Din il-mozzjoni giet sekondata mill-Kunsillier George Cortis.

**Dawk Favur;** is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici-Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, George Cortis, Philip Said, Catherine Sammut, Cain Grech u Joseph Fsadni

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

## 6. LIVE STREAMING

**6.1** Is-Sindku Alfred Grixti talab lis-Segretarju Ezekuttiv kienx hemm aggornament dwar is-sejha ghall-offerti tal-live streaming. Hija gabet ghall-attenzjoni z-zewg offerti:

***a. Correct Termination Ltd.***

***L-offerta mitfugha minn din il-kumpanija tinkludi:***

- Eur2124 ghall-ewwel sena bil-Vat inkluza ghall-apparat u streaming
- Eur84.75 Vat eskluz fis-sena ghall-*maintenance agreement*
- Eur630 Vat eskluz ghall-istreaming ghat -2, 3 u r-4 sena

***b. Smart Technologies***

***L-offerta mitfugha minn din il-kumpanija tinkludi:***

- Eur1908.98 ghall-ewwel sena bil-VAT inkluza ghall-apparat u streaming
- Eur708 Vat inkluz ghall-istreaming ghat-2-3 u r-4 sena
- Eur177 Vat inkluz fis-sena ghall-maintenance agreement

Il-Kunsillier Joseph Fsadni ppropona lil Smart Technologies abbazi tal-offerta kif prezentata. Dan ghaliex tidher teknikament ahjar anke minhabba l-prezz. Gie sekondat mill-Kunsillieir Cain Grech.

Ittiehed vot.

**Dawk Favur;** is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici-Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, George Cortis, Philip Said, Catherine Sammut, Cain Grech u Joseph Fsadni.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

## 9. AGGORNAMENT

Is-Sindku, Alfred Grixti, aggorna l-laqgha ghal-4 ta' Dicembru 2014 fis-6:30pm. Il-Laqgha spiccat fid-9:00pm.

**Alfred Grixti,** | **Paula Marie Valletta,**

**Sindku.** | **Segretarju Eżekuttiv.**